Nru. 17,967
Prezz 80c
Price 80c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 12 ta' Settembru, 2006
Tuesday, 12th September, 2006

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 779

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nri. 17,965 u 17,966 tal-5 u s-7 ta' Settembru, 2006, rispettivament.

A.L. Nru. 188 ta' l-2006: Att dwar l-Inbid (Kap. 436); Regolamenti ta' l-2006 dwar il-Klassifikazzjoni tal-Varjetajiet tad-Dwieli għall-Produzzjoni ta' Għeneb għall-Għasir.

A.L. Nru. 189 ta' l-2006: Att dwar l-Inbid (Kap. 436); Regolamenti ta' l-2006 dwar id-Dikjarazzjoni tal-Ħażniet ta' Inbid u Prodotti tal-Vitivinikultura.

A.L. Nru. 190 ta' l-2006: Att dwar l-Inbid (Kap. 436); Regolamenti ta' l-2006 dwar id-Denominazzjoni ta' l-Oriġini u ta' Indikazzjonijiet Ġeografiċi.

A.L. Nru. 191 ta' l-2006: Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12); Ordni ta' l-2006 dwar l-Għadd ta' Mħallfin fil-Qrati Superjuri.

A.L. Nru. 192 ta' l-2006: Att dwar il-Promozzjoni tan-Negozju (Kap. 325); Regolamenti ta' l-2006 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Promozzjoni tan-Negozju.

A.L. Nru. 193 ta' l-2006: Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363); Regolamenti ta' l-2006 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Assoċjazzjoni ta' Awtoritajiet ta' Gvern Lokali.

A.L. Nru. 194 ta' l-2006: Att ta' l-2006 li jemenda l-Att dwar l-Edukazzjoni (Att Nru. XIII ta' l-2006); Avviż ta' bidu fis-seħħ.

It-12 ta' Settembru, 2006

GOVERNMENT NOTICES

No. 779

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette Nos. 17,965 and 17,966 of the 5th and the 7th September 2006, respectively.

L.N. No. 188 of 2006: Wine Act (Cap. 436); Classification of Vine Varieties (Production of Wine Grapes) Regulations, 2006.

L.N. No. 189 of 2006: Wine Act (Cap. 436); Wine and Vitivinicultural Products (Stocks Declaration) Regulations, 2006.

L.N. No. 190 of 2006: Wine Act (Cap. 436); Denomination of Origin and of Geographic Indications Regulations, 2006.

L.N. No. 191 of 2006: Code of Organization and Civil Procedure (Cap. 12); Superior Courts (Number of Judges) Order, 2006.

L.N. No. 192 of 2006: Business Promotion Act (Cap. 325); Business Promotion (Amendment) Regulations, 2006.

L.N. No. 193 of 2006: Local Councils Act (Cap. 363); Local Councils (Association) (Amendment) Regulations, 2006.

L.N. No. 194 of 2006: Education (Amendment) Act, 2006 (Act No. XIII of 2006); Notice of coming into force.

12th September, 2006

Nru. 780

AĠENT PRIM MINISTRU U MINISTRU TAL-FINANZI

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, fuq il-parir tal-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi, il-President ta' Malta ordna illi l-Onor. Louis Galea, B.A., LL.D., M.P., Ministru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impiegi, jassumi d-dmirijiet addizzjonali ta' Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi b'seħħ minn nhar il-Ġimgħa, it-8 ta' Settembru, 2006, matul l-assenza ta' l-Onor. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P.

It-8 ta' Settembru, 2006
(OPM 3/2006/II)

No. 780

ACTING PRIME MINISTER AND MINISTER OF FINANCE

IT is notified for general information that, acting on the advice of the Prime Minister and Minister of Finance, the President of Malta has directed that the Hon. Louis Galea, B.A., LL.D., M.P., Minister of Education, Youth and Employment, assume the additional duties of the Prime Minister and Minister of Finance with effect from Friday, 8th September, 2006, during the absence of the Hon. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P.

8th September, 2006

Nru. 781

IL-PRIM MINISTRU U MINISTRU TAL-FINANZI JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Onor. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P., reġa' daħal għal dmirijietu ta' Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi nhar it-Tnejn, il-11 ta' Settembru, 2006 u l-arranġamenti magħmulin bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 780 tat-8 ta' Settembru, 2006 ma baqgħux iseħħu f'dan is-sens.

Il-11 ta' Settembru, 2006
(OPM 3/2006/II)

No. 781

RESUMPTION OF DUTIES BY THE PRIME MINISTER AND MINISTER OF FINANCE

IT is notified for general information that the Hon. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P., resumed duties as Prime Minister and Minister of Finance on Monday, 11th September, 2006 and that the arrangements made by Government Notice No. 780 of the 8th September, 2006, ceased to have effect accordingly.

11th September, 2006

Nru. 782

ID-DIRETTUR ĠENERALI (KUMMERĊ) JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU

IS-SUR Godwin Warr, Direttur Ġenerali (Kummerċ), reġa' lura fuq dmirijietu fl-4 ta' Settembru, 2006, u l-arranġamenti li hemm riferenza għalihom fin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 754 tad-29 ta' Awissu, 2006, huma b'din imħassrin.

It-12 ta' Settembru, 2006

No. 782

RESUMPTION OF DUTIES BY THE DIRECTOR GENERAL (COMMERCE)

MR GODWIN Warr, Director General (Commerce), resumed duties on the 4th September, 2006, and the arrangements referred to in Government Notice No. 754 of the 29th August, 2006, are hereby being cancelled.

12th September, 2006

Nru. 783

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (DIVIŻJONI GĦALL-KOMPETITTIVITÀ U KOMUNIKAZZJONI)

IS-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Kompetittività u Komunikazzjoni, approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

No. 783

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (CONSUMER AND COMPETITION DIVISION)

THE Permanent Secretary, Ministry of Competitiveness and Communications, has approved the following acting appointment:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIVIŻJONI *DIVISION*	DATA *DATE*
Mr Godwin Mangion	A/Direttur Ġenerali *A/ Director General*	Konsumatur u kompetizzjoni *Consumer and Competition*	6 - 9.09.06

It-12 ta' Settembru, 2006

12th September, 2006

Nru. 784

'MALTA GOVERNMENT SCHOLARSHIPS SCHEME SELECTION BOARD'

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd li Ministru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impiegi ħatar il-*Malta Government Scholarships Scheme Selection Board* b'seħħ mill-1 ta' Awissu 2006 kif jidher hawn taħt:

Chairperson
Ms Joyce Pullicino

Membri
Dott. Jonathan Borg
Ms Stephania Dimech Sant
Dott. Richard Muscat
Is-Sur Jacques Sciberras
Ms Micheline Sciberras
Ms Anne Marie Thake
Dott. Ray Xerri
Dott. Steve Zammit

Segretarju
Ms Annabelle Vassallo

It-12 ta' Settembru, 2006

No. 784

MALTA GOVERNMENT SCHOLARSHIPS SCHEME SELECTION BOARD

IT is notified for general information that the Minister of Education, Youth and Employment has appointed the Malta Government Scholarships Scheme Selection Board with effect from the 1st August 2006 as follows:-

Chairperson
Ms Joyce Pullicino

Members
Dr Jonathan Borg
Ms Stephania Dimech Sant
Dr Richard Muscat
Mr Jacques Sciberras
Ms Micheline Sciberras
Ms Anne Marie Thake
Dr Ray Xerri
Dr Steve Zammit

Secretary
Ms Annabelle Vassallo

12th September, 2006

Nru. 785

AWTORITÀ NAZZJONALI TAX-XOGĦOL

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd li, bis-saħħa ta' Artikolu 3 ta' l-Att ta' l-1990 dwar is-Servizz ta' Impjieg u Taħriġ, il-President ta' Malta, fuq parir tal-Prim Ministru, għoġbu japprova l-ħatra tas-Sur Alfred Mallia

No. 785

NATIONAL EMPLOYMENT AUTHORITY

IT is hereby notified that, in terms of Article 3 of the Employment and Training Services Act, 1990, the President of Malta, acting on the advice of the Prime Minister, has been pleased to approve the appointment of Mr Alfred Mallia

Milanes bħala membru indipendenti fuq l-Awtorità Nazzjonali tax-Xogħol. Din il-ħatra hija għal perjodu ta' sentejn b'seħħ mit-18 ta' Lulju 2006.

It-12 ta' Settembru, 2006

Milanes as an independent member on the National Employment Authority. This appointment is for a period of two years with effect from 18th July 2006.

12th September, 2006

Nru. 786

AWTORITÀ NAZZJONALI TAX-XOGĦOL

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd li, bis-saħħa ta' Artikolu 3 ta' l-Att ta' l-1990 dwar is-Servizz ta' Impjieg u Taħriġ, il-President ta' Malta, fuq parir tal-Prim Ministru, għoġbu japprova l-ħatra tas-Sur Mario Sacco bħala membru fuq l-Awtorità Nazzjonali tax-Xogħol. Din il-ħatra hija għal perjodu ta' sentejn b'seħħ mit-18 ta' Lulju 2006.

It-12 ta' Settembru, 2006

No. 786

NATIONAL EMPLOYMENT AUTHORITY

IT is hereby notified that, in terms of Article 3 of the Employment and Training Services Act, 1990, the President of Malta, acting on the advice of the Prime Minister, has been pleased to approve the appointment of Mr Mario Sacco as a member on the National Employment Authority. This appointment is for a period of two years with effect from 18th July 2006.

12th September, 2006

Nru. 787

ORDINANZA (GĦELUQ) DWAR IL-ĠONNA PUBBLIĊI (KAP. 34)

Il-Ġonna tal-Barrakka ta' Isfel

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd li bis-setgħa mogħtija lilu bl-Artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar l-Għeluq ta' Ġonna Pubbliċi (Kap. 34) il-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent approva li nhar il-Ġimgħa, id-29 ta' Settembru 2006, il-Ġonna tal-Barrakka ta' Isfel, mill-4.00 p.m. 'il quddiem, ikunu magħluqa għall-pubbliku u jkunu taħt il-kontroll tal-Mediterranean Bank plc.

It-12 ta' Settembru, 2006

No. 787

PUBLIC GARDENS (CLOSING) ORDINANCE (CAP. 34)

Lower Barrakka Gardens

IT is notified for general information that as enabled by Section 2 of the Public Gardens (Closing) Ordinance (Cap. 34) the Ministry for Rural Affairs and the Environment has approved that on Friday, 29th September 2006, from 4.00 p.m. onwards, the Lower Barrakka Gardens will be closed to the general public and will be under the control of the Mediterranean Bank plc.

12th September, 2006

Nru. 788

ORDINANZA (GĦELUQ) DWAR IL-ĠONNA PUBBLIĊI (KAP. 34)

Il-Ġonna tal-Barrakka ta' Isfel

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd li bis-setgħa mogħtija lilu bl-Artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar l-Għeluq ta' Ġonna Pubbliċi (Kap. 34) il-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent approva li nhar il-Ħamis, il-21 ta' Settembru 2006, il-Ġonna tal-Barrakka ta' Isfel, mill-4.00 p.m. 'il quddiem, ikunu magħluqa għall-pubbliku u jkunu taħt il-kontroll ta' l-Alliance Group Ltd.

It-12 ta' Settembru, 2006

No. 788

PUBLIC GARDENS (CLOSING) ORDINANCE (CAP. 34)

Lower Barrakka Gardens

IT is notified for general information that as enabled by Section 2 of the Public Gardens (Closing) Ordinance (Cap. 34) the Ministry for Rural Affairs and the Environment has approved that on Thursday, 21st September 2006, from 4.00 p.m. onwards, the Lower Barrakka Gardens will be closed to the general public and will be under the control of the Alliance Group Ltd.

12th September, 2006

Nru. 789

ATT DWAR IL-*CONDOMINIA*
(Kap. 398)

B'DIN qed ngħarraf li jiena rċivejt applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' u/jew emendi tar-regolamenti li jirregolaw l-imsemmija *condominia*:

Nru. tal-*Condominium* *Condominium Number*	Indirizz tal-*Condominium* *Address of Condominium*	Rimarki *Remarks*	Data tar-Reġistrazzjoni *Date of Registration*
128	Saville Triq il-Qawra San Pawl il-Baħar	Reġistrazzjoni tar-Regolamenti/ *Registration of Rules*	01/09/2006

Dott. Stephanie Pappalardo
Reġistratur ta' l-Artijiet

It-12 ta' Settembru, 2006

No. 789

CONDOMINIUM ACT
(Cap. 398)

NOTICE is hereby given that I have received an application for the registration of and/or amendment to rules regulating the following condominia:

Nru. tal-*Condominium* *Condominium Number*	Indirizz tal-*Condominium* *Address of Condominium*	Rimarki *Remarks*	Data tar-Reġistrazzjoni *Date of Registration*
128	Saville Triq il-Qawra San Pawl il-Baħar	Reġistrazzjoni tar-Regolamenti/ *Registration of Rules*	01/09/2006

Dr Stephanie Pappalardo
Land Registrar

12th September, 2006

DIVIŻJONI GĦALL-IPPJANAR
U KO-ORDINAZZJONI TAL-PRIJORITAJIET,
UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU

Id-Diviżjoni għall-Ippjanar u Ko-ordinazzjoni tal-Prijoritajiet, fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru tistieden il-pubbliku ġenerali biex jieħu sehem fi:–

Konsultazzjoni ta' *Stakeholders* dwar id-*Draft Environment Report for the Strategic Environment Assessment of Malta's Operational Programme I 2007-2013*

Wieħed jista' jniżżel dan id-dokument minn:
http://ppcd.gov.mt or http://mfin.gov.mt

Kummenti jistgħu jintbagħtu lis-*SEA Audit Team* fuq l-indirizz ta' l-*e-mail*:
sea_audit_team@gov.mt
jew bil-posta lil:
Dott. Ing. Christopher Ciantar,
SEA Audit Team,
Barriera Wharf,
Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent,
Valletta

Id-data ta' l-għeluq hija nhar it-Tnejn, it-18 ta' Settembru, 2006.

It-12 ta' Settembru, 2006

PLANNING AND PRIORITIES
COORDINATION DIVISION,
OFFICE OF THE PRIME MINISTER

The Planning and Priorities Coordination Division within the Office of the Prime Minister invites the general public to participate in the:–

Stakeholder Consultation on the Draft Environment Report for the Strategic Environment Assessment of Malta's Operational Programme I 2007-2013

This document can be dowloaded from:
http://ppcd.gov.mt or http://mfin.gov.mt

Comments may be sent to the SEA Audit Team on e-mail address:
sea_audit_team@gov.mt
or by post to:
Dr Ing. Christopher Ciantar,
SEA Audit Team,
Barriera Wharf,
Ministry for Rural Affairs and the Environment,
Valletta

The closing date is Monday, 18th September, 2006.

12th September, 2006

ASSOĊJAZZJONI KUNSILLI LOKALI

Ingaġġ fuq Kuntratt fil-Pożizzjoni ta' Segretarju Eżekuttiv ta' l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali

(Permess ta' l-ETC Nru. 151/2006)

L-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali tilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' Segretarju Eżekuttiv.

2. Il-persuna magħżula tkun mistennija li tidħol f'kuntratt ta' tliet snin bħala Segretarju Eżekuttiv, liema kuntratt jista' jiġġedded għal perijodi oħra ta' tliet snin fuq bażi ta' servizz sodisfaċenti u riżultati pożittivi. Servizz mhux sodisfaċenti matul il-perijodu tal-kuntratt jista' jwassal għal terminazzjoni tal-kuntratt.

3. Il-kariga ta' Segretarju Eżekuttiv ikollha salarju ekwivalenti għas-salarju mħallas lis-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsilli Lokali li għandhom ħdax-il Kunsilliera jew aktar. Il-persuna magħżula tkun intitolata għall-*performance bonus* sa massimu ta' 10% tas-salarju tagħha jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

4. Id-dmirijiet ta' Segretarju Eżekuttiv ta' l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali jinkludu fost affarijiet oħra:

(a) id-dmirijiet speċifikati taħt ir-regolamenti ta' l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali (L.S. 363.06) u taħt l-Att dwar il-Kunsilli Lokali applikabbli lis-Segretarji Eżekuttivi li jaħdmu mal-Kunsilli Lokali;

(b) jaqdi d-dmirijiet ta' Segretarju tad-Delegazzjoni Maltija għall-Kungress ta' l-Awtoritajiet Lokali u Reġjonali tal-Kunsilli ta' l-Ewropa;

(ċ) jaqdi d-dmirijiet ta' Ko-ordintur Nazzjonali tad-Delegazzjoni Maltija għall-Kumitat tar-Reġjuni ta' l-UE.

(d) funzjonijiet oħra assenjati lilu mill-Kumitat Eżekuttiv ta' l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali.

5. Aktar dettalji dwar din il-pożizzjoni jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju ta' l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, 153, Triq il-Kbira, Balzan, BZN 06 fil-ħinijiet normali ta' l-uffiċċju.

6.1. L-Applikanti għal din il-pożizzjoni għandhom:

(a) (i) ikunu ċittadini Maltin; jew

(ii) ikunu ċittadini ta' stat ieħor membru ta' l-Unjoni Ewropea; jew

(iii) ikunu ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà dwar dawk il-pajjiżi li

LOCAL COUNCILS ASSOCIATION

Engagement on Contract in the Position of Executive Secretary of the Local Councils Association

(ETC Permit No. 151/2006)

The Local Councils Association invites application for the position of Executive Secretary

2. The selected candidate will be expected to enter into a three-year performance contract as an Executive Secretary which may be renewed thereafter for periods of three years subject to satisfactory performance and positive results. Unsatisfactory performance during the contract period will lead to termination of contract.

3. The position of Executive Secretary attracts a salary equivalent to the salary paid to Executive Secretaries of Local Councils having eleven councillors or more. The selected candidate will be entitled to a performance bonus of up to a maximum of 10% of hiseċher salary, subject to positive performance.

4. The duties of Executive Secretary of the Local Councils Association shall include but not limited to:

(a) the duties specified under the provisions of the Local Councils Association Regulations (S.L. 363.06) and the provisions of the Local Councils Act applicable to the Executive Secretaries engaged with the Local Councils;

(b) perform the duties of Secretary to the Maltese delegation to the Congress for Local and Regional Authorities of the Council of Europe;

(c) perform the duties of National Coordinator to the Maltese delegation to the Committee of the Regions of the E U;

(d) other functions assigned by the Executive Committee of the Local Councils' Association.

5. Further details of the job description may be obtained from the Local Councils Association, 153, Triq il-Kbira, Balzan BZN 06 during normal office hours.

6.1. Applicants for the position must:–

(a) (i) be citizens of Malta; or

(ii) be citizens of another European Union Member State; or

(iii) be citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted

għalihom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-UE għandu jiġi kkonsultat il-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin), jew

(iv) ikunu l-konjuġi ta', u tfal taħt il-21 sena ta' jew li jiddependu fuq, dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq u li huma residenti f'Malta. L-eligibiltà tal-kandidati msemmija f'(a) (ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija soġġetta għall-kundizzjonijiet li jiksbu permess tax-xogħol kif meħtieġ, skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġislazzjoni sussidjarja.

(b)(i) ikollhom lawrja *post graduate* rikonoxxuta fil-*Business Management*, Studji Ewropej jew oqsma relatati, u tliet snin esperjenza rilevanti;

(ii) jew ikunu Uffiċjali Pubbliċi fis-Servizz Pubbliku ta' Malta fi Skala mhux inqas minn Skala 6 u għandhom sitt snin esperjenza rilevanti jew ikunu Segretarju Eżekuttiv ta' Kunsill Lokali li għandhom mill-anqas tliet snin esperjenza.

(ċ) ikollhom kapaċitajiet ta' komunikazzjoni eċċellenti kemm bil-kitba kif ukoll bid-diskors u kmand sħiħ tal-lingwa Maltija u Ingliża u ta' żewġ lingwi oħra preferibbilment Franċiż, Ġermaniż u Taljan.

(d) ikunu ta' karattru morali tajjeb. Għandhom juru ċertifikat riċenti tal-Kondotta maħruġa mill-Pulizija jew minn awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa għall-applikazzjoni u jiddikjaraw jekk qatt kinux jaħdmu mas-Servizz Pubbliku tal-Gvern ta' Malta, u jagħtu dettalji dwar dan.

6.2. Tinghata kunsiderazzjoni lill-applikanti li:
(a) juru inizzjattivi, kreattività u impenn;
(b) għandhom rekord ippruvat ta' thaddim ta' *management*;
(ċ) għandhom kapaċitajiet tajba biex imexxu negozjati u jikkommunikaw.

7.1. Bord ta' l-għażla jintervista lill-applikanti eliġibbli biex jitqies min ikun addattat għal din il-pożizzjoni.

7.2. Ir-riżultat ta' l-intervisti jiġi ppubblikat mill-Kumitat Eżekuttiv u jiġi esebit fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju Amministrattiv ta' l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, 153, Triq il-Kbira, Balzan.

8. Il-persuna magħżula tista' tkun meħtieġa li tieħu taħriġ f'Malta kif ukoll barra minn Malta.

9. Il-persuna magħżula trid tkun lesta li ssiefer frekwenti skond il-bżonn fuq xogħol.

10. L-ingaġġ ikun ibbażat fuq ġimgħa ta' erbgħin siegħa xogħol, għalkemm l-esiġenzi tax-xogħol jistgħu jinħtieġu aktar ħin jew ħinijiet irregolari mingħajr kumpens żejjed.

regarding the countries to which EU provisions apply); or

(iv) be the spouse of, and children under 21 years of age of, or who depend on, any person who is mentioned at (a) (i),(ii) and (iii) above and who resides in Malta. The eligibility of candidates referred to at (a) (ii), (iii) and (iv) above is subject to their obtaining a work permit in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

(b) be in possession of a recognized first degree in Business Management, European Studies or related fields plus three years relevant experience; or

(ii) be Public Officers in the Malta Public Service not below Scale 6 who have six years relevant experience or be an Executive Secretary of a Local Council who have at least three years experience.

(c) have excellent communication skills, both written and spoken, and excellent command of the Malta and English languages and two other languages preferably French, German and Italian.

(d) be of good moral character (applicants who are in the Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside must provide a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than six (6) months from the date of this call for application and state whether they have ever been in the Malta Government Service, giving details).

6.2. Due consideration will be given to candidates who:
(a) demonstrate initiative, creativity and commitment;
(b) have a proven track record in management;
(c) have good negotiation and communication skills.

7.1. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to access their suitability for the position.

7.2. The result of the interviews will be published by the Executive Committee and exhibited on the notice-board of the Administrative Officers of the Local Councils Association, 153, Triq il-Kbira, Balzan.

8. The selected applicant may be required to undertake training both in Malta and abroad.

9. The selected applicant must be willing to travel frequently abroad.

10. The selected applicant will generally be expected to work on a 40 hour week basis, although exigencies of the position may require working additional or irregular hours without further compensation.

11. Il-kwalifiki u l-esperjenza li persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u jew dokumenti (fotokopji jrid jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

12. Il-persuna magħżula jkollha toqgħod għal eżami mediku biex jiġi żgurat li hija adatta għal din il-pożizzjoni.

13. L-applikazzjonijiet flimkien mal-*curriculum vitae* li għandha tinkludi l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu mill-President, Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, 153, Triq il-Kbira Balzan, BZN 06 sa mhux aktar tard mill-15 ta' Settembru 2006.

14. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew messaġġ simili sal-ġurnata ta' l-għeluq jistgħu jiġu kkunsidrati sakemm jingħataw id-dettalji kollha mitluba jiġu mogħtija. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant għandha tasal għand il-President, Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, f'153, Triq il-Kbira, Balzan, BZN 06, Malta sa mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. (In-numru tal-*fax* ta' l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali hu +356 21 446 427).

15 (a) Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal bl-idejn;

(b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Il-President, Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali jibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

It-12 ta' Settembru, 2006

11. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

12. Selected applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the position.

13. Applications together with a curriculum vitae, indicating qualifications and experience, will be received by the President, Local Councils Association, 153, Main Street, Balzan BZN 06 Malta by not later than the 15th September 2006.

14. Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the President, Local Councils Association, 153, Triq il-Kbira, Balzan, BZN 06, Malta by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. (The fax number of the Local Councils Association is +356 21 446 427).

15 (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing at the time of delivery;

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the President, Local Councils Association, within seven (7) days.

12th September, 2006

FORZI ARMATI TA' MALTA

Taħriġ bl-Esplosiv fil-Pembroke Ranges

Il-Forzi Armati ta' Malta se tmexxi taħriġ bl-esplosivi sat-13 ta' Settembru, 2006, bejn it-8.00 a.m. u s-2.00 p.m.

Il-bastimenti kollha għandhom iżommu żewġ (2) mili 'l boghod mix-Xatt ta' Pembroke Ranges fid-dati u l-ħinijiet imsemmija.

Bnadar ħomor se jittajru mil-limiti tar-*ranges* konċernati.

It-12 ta' Settembru, 2006

ARMED FORCES OF MALTA

Explosives Training at Pembroke Ranges

The Armed Forces of Malta will be conducting explosives training up to the 13th September, 2006, between 8.00 a.m. and 2.00 p.m.

All vessels are to keep two (2) miles off Pembroke Ranges Coast during the above dates and times.

Red flags will be flown from the limits of the ranges concerned.

12th September, 2006

EUROPEAN UNION

The European Police College (CEPOL) of the European Union

Vacancy Notices

The European Personnel Selection Office, EPSO, has published eight vacancy notices in its Non-Permanent Posts Section at http://europa.eu.int/epso/temp-staff_en.htm on behalf of the European Police College (CEPOL), for the recruitment in the following positions as Temporary Agents/Contract Staff:

1. Programme Support Officer - Temporary Agent - Grade AD 5. Closing Date: 15 September 2006

2. Learning and Training Support Officer - Temporary Agent - Grade AD 5. Closing Date: 15 September 2006

3. External Relations Support Officer - Temporary Agent - Grade AD 5. Closing Date: 15 September 2006

4. Project Support Officer - Temporary Agent - Grade AD 5. Closing Date: 15 September 2006

5. Research and Knowledge Management Support Officer - Temporary Agent - Grade AD 5. Closing Date: 15 September 2006

6. Records Management Officer - Temporary Agent – Grade AST 3. Closing Date: 15 September 2006

7. Finance Assistant - Contract Staff - Function Group III. Closing Date: 15 September 2006

8. Handyman/Facilities Assistant/Driver - Contract Staff - Function Group I. Closing Date: 15 September 2006

9. Finance and Budget Officer - Temporary Agent – Grade AD 7. Closing Date: 15 September 2006

The European Police College (CEPOL) was established by European Union Council Decision (2000/820/JHA) in December 2000 to operate as a network of Member States national training institutes providing training, research and learning services to senior police officers and law enforcement officials who are involved in activity to combat cross border and international crime.

The successful candidates for the above posts will be offered an initial contract term as members of the Temporary Staff/Contract Staff of a maximum 4 years, which may be renewed once.

All the information concerning these vacancy notices such as the job description, qualifications and experience required, eligibility and selection criteria, and the application procedure may be viewed on the CEPOL website www.cepol.net. It may also be accessed through the above-mentioned EPSO website. An information pack containing the job description and application form can be downloaded from the CEPOL website at www.cepol.net. Candidates are to ensure that they have signed and dated the application form. One original signed copy and 3 copies of the application form and supporting documents should be sent to:

Director CEPOL Secretariat,
CEPOL House,
Bramshill,
Hook,
Hampshire, RG27 0JW,
UK.
(Marked CONFIDENTIAL)

Department of Policy and Planning,
Management and Personnel Office,
Office of the Prime Minister,
Valletta

12th September, 2006

EUROPEAN UNION
EUROPEAN FOOD SAFETY AUTHORITY

Vacancy Notices for Temporary/Contract Agents

The European Personnel Selection Office, EPSO, has published the following vacancy notices in its Non-Permanent Posts Section at http://europa.eu.int/epso/temp-staff_en.htm on behalf of the European Food Safety Authority (EFSA) of the European Union for recruitment in the following positions as Temporary/Contract Agents:

efsa/f/4/2006/003 Contract Agent - Legal Officer - Function Group IV. Closing Date: 25 September 2006

efsa/x/ad/2006/022 Temporary Agent - Junior Scientific Officer BIOHAZ - Grade AD7. Closing Date: 25 September 2006

efsa/x/ad/2006/023 Temporary Agent - Junior Scientific Officer, Risk Assessment of Biological Hazards - Grade AD6. Closing Date: 25 September 2006

efsa/x/ad/2006/038 Temporary Agent - Junior Scientific Officer, TSE Risk assessments and waste management - Grade AD5. Closing Date: 25 September 2006

efsa/x/ad/2006/039 Temporary Agent - Scientific Staff (MRL) - Grade AD5. Closing Date: 25 September 2006

efsa/x/ad/2006/040 Temporary Agent - Assistant Scientific Coordinator, Unit on Horizontal Scientific Issues - Grade AD6. Closing Date: 25 September 2006

efsa/x/ad/2006/030 Temporary Agent - Scientific Staff (Co-ordination) - Grade AD5. Closing Date: 22 September 2006

efsa/x/ad/2006/036 Temporary Agent - Scientific Staff, PRAPeR Unit - Grade AD8. Closing Date: 22 September 2006

efsa/x/ad/2006/037 Temporary Agent - Scientific Staff (Ecotoxicology) PRAPeR Unit - Grade AD6. Closing Date: 22 September 2006

efsa/x/ad/2006/048 Temporary Agent - Scientific Officer specialised in Molecular - Microbiology (m/f) - Grade AD 7. Closing Date: 25 September 2006

Vacancy efsa/f/4/2006/003 is a one-year contract which may be renewed, while the other vacancies are all being offered as five-year contracts which may also be renewed. All other relevant information concerning these vacancy notices such as the job description, eligibility, qualifications required, and on the application procedure are contained in the vacancy notices which may be downloaded from the EFSA website at http://europa.eu.int/comm/food/efsa/index_en.htm or from http://europa.eu.int/epso/temp-staff_en.htm#9

In order for applications to be considered valid, candidates must submit the completed and signed Application Form, a letter of motivation, and a CV in the EU format which may be downloaded from the website at:
http://europass.cedefop.eu.int/europass/home/hornav/Downloads/navigate.action?locale_id=1

EFSA encourages the use of its online application method, however postal applications are also accepted and may be downloaded at this web address: http://www.efsa.europa.eu/EFSA/en/opportunities/recruitment.html. An application will be considered admissible only if it includes a duly completed application form. These are issued in four working languages of the European Food Safety Authority (English, French, Italian and German). In order to facilitate the recruitment procedure, it is advised to apply in one of these four languages.

Should applicants to choose to send a complete application by post, this must be to:

EFSA
Human Resources Unit
(application reference number)
Largo N. Palli, 5/A
I-43100. Parma

Department of Policy and Planning,
Management and Personnel Office,
Office of the Prime Minister,
Valletta

12th September, 2006

DIPARTIMENT TA' L-EŻAMIJIET

Ċertifikati tal-*London Chamber of Commerce and Industry Series 3* 2006

L-Aġent Direttur ta' l-Eżamijiet jgħarraf lill-kandidati illi ċ-ċertifikati ta' l-eżamijiet imsemmija hawn fuq issa waslu u jistgħu jinġabru kif ġej:–

Kandidati f'Malta
Dipartiment ta' l-Eżamijiet,
il-Furjana

Kandidati f'Għawdex
Ċentru ta' l-Eżamijiet,
Ir-Rabat, Għawdex.

Il-kandidati għandhom jiftakru li ċ-ċertifikati jistgħu jinġabru biss meta jippreżentaw il-Karta ta' l-Identità tagħhom u l-karta tar-riżultat.

Jekk ir-riżultat jinġabar mit-tutur, għandhom jiġu ppreżentati l-Karta ta' l-Identità tat-tutur kif ukoll tal-kandidat.

It-12 ta' Settembru, 2006

EXAMINATIONS DEPARTMENT

The London Chamber of Commerce and Industry Series 3 2006 Certificates

The Acting Director of Examinations notifies candidates that the certificates in respect of the above examinations have now been received and can be collected as follows:–

Malta candidates:
Examinations Department,
Floriana

Gozo candidates
Examinations Centre,
Victoria, Gozo.

Candidates are reminded that certificates can only be collected on presentation of their Identity Card and result slip.

If the certificate is collected by the guardian, the I.D. Card of both the guardian and the candidate should be presented.

12th September, 2006

DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf illi, b'riferenza għall-avviżi li ġejjin, jistgħu jintbagħtu offerti maghluqin fil-ġranet u d-dati indikati hawn taħt. L-offerti għandhom jintefgħu fil-Kaxxa ta' l-Offerti tad-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana:

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, l-14 ta' Settembru, 2006, għal:

DEPARTMENT OF CONTRACTS

The Director General (Contracts) notifies that sealed tenders in respect of the following advertisements will be received on the days and dates indicated below. Tenders are to be dropped in the Tender Box of the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana:

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 14th September, 2006, for:

CT 310/2006. Xogħlijiet ta' kisi mill-ġdid tal-wiċċ fi Triq ir-Ramla, in-Nadur, Għawdex – Ministeru għal Għawdex. Irid jitħallas dritt ta' Lm25 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 312/2006. Kiri ta' karozzi *self-drive* għall-Ministeru ta' l -Edukazzjoni u d-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni 2006/2008 – Ministeru ta' l-Edukazzjoni. Irid jitħallas dritt ta' Lm10 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, id-19 ta' Settembru, 2006, għal:

CT 303/2006. Provvista ta' tindif fis-siti kollha tal-Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija (MCAST) – MCAST. Għandu jitħallas dritt ta' Lm40 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fl-24 ta' Lulju, 2006.

CT 304/2006. Servizzi ta' konsulenza għal *feasibility study* dwar interconnection bejn Malta l-Ewropa fis-settur ta' l-enerġija – Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi. Irid jitħallas dritt ta' Lm50 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fil-25 ta' Lulju, 2006.

CT 306/2006. Kostruzzjoni ta' żewġ (2) xeltrijiet protettivi għat-tempji ta' Ħaġar Qim u l-Imnajdra, limiti tal-Qrendi – Patrimonju Kulturali Malti. Għandu jitħallas dritt ta' Lm100 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Dan huwa *Works Notice* taħt il-*Local Open Tender Procedure*. Din hi offerta mħallsa parzjalment mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Strutturali Programm għal Malta 2004-2006 (*Budget* allokat: Lm790,000 mingħajr VAT). *(Budget* Allokat: *Euros* 125,000 mingħajr V.A.T.).

CT 313/2006. Bini ta' kumpless sportiv f'Ħal Kirkop - Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada. Għandu jitħallas dritt ta' Lm100 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 314/2006. Bini ta' Triq iż-Żahar, Triq il-Larinġ, Triq it-Taħħan, parti minn Triq E. Cremona u parti minn Triq P.P. Rubens, Ħ'Attard - Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta. Għandu jitħallas dritt ta' Lm25 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 318/2006. Traqqigħ, kisi mill-ġdid u xogħlijiet oħra anċillari f'diversi oqsma industrijali - Malta Industrial Parks. Għandu jitħallas dritt ta' Lm50 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 319/2006. Bini u *semi-finishing* ta' *maisonette* (1) u żewġ (2) appartamenti fi *Plot* 5, Triq Fieres, Ħal Tarxien - Awtorità tad-Djar. Id-dokumenti ta' l-offerta jistgħu jinġabru mill-Awtorità tad-Djar, 12, Triq Pietro Floriani, Floriana bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar wara li jitħallas dritt ta' Lm30 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 328/2006. Kuntratt perjodiku għall-provvista ta' stokk

CT 310/2006. Resurfacing works in Ramla Road, Nadur Gozo – Ministry for Gozo. A fee of Lm25 will be charged for each copy of tender document.

CT 312/2006. Hire of self-drive cars to the Ministry of Education and the Education Division 2006/2008 – Ministry of Education. A fee of Lm10 will be charged for each copy of tender document.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 19th September, 2006, for:

CT 303/2006. Provision of cleaning services to all Malta College of Arts, Science and Technology (MCAST) sites – MCAST. A fee of Lm40 will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on the 24th July 2006.

CT 304/2006. Consultancy services for a study of the feasibility of interconnection between Malta and Europe in the field of energy – Malta Resources Authority. A fee of Lm50 will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on the 25th July, 2006.

CT 306/2006. Fabrication, delivery and construction of two (2) protective shelters for the Ħaġar Qim and Mnajdra Temples, at Ħaġar Qim and Mnajdra Park, limits of Qrendi – Cultural Heritage Malta. A fee of Lm100 will be charged for each copy of tender document.

This is a Works Notice under the Local Open Tender Procedure. This tender is partially funded by the European Structural Funds Programme for Malta 2004-2006. (Allocated budget: Lm790,000 excluding VAT).

CT 313/2006. Construction of the regional sports complex at Kirkop - Foundation for Tomorrow's Schools. A fee of Lm100 will be charged for each copy of tender document.

CT 314/2006. Construction of Triq iż-Żahar, Triq il-Larinġ, Triq it-Taħħan, parts of Triq E. Cremona and parts of Triq P.P. Rubens, Attard - Malta Transport Authority. A fee of Lm25 will be charged for each copy of tender document.

CT 318/2006. Patching, resurfacing and other ancillary works at various industrial estates - Malta Industrial Parks. A fee of Lm50 will be charged for each copy of tender document.

CT 319/2006. Construction of one (1) maisonette and two (2) apartments on Plot 5, Triq Fieres, Tarxien - Housing Authority. Tender documents may be collected from the Housing Authority, 12, Triq Pietro Floriani, Floriana between 8.30 a.m. and noon against a fee of Lm30 for each copy of tender document.

CT 328/2006. Period contract for the supply of putty and

u ħġieġ lit-Taqsima tal-Procurement tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, is-26 ta' Settembru, 2006, għal:

CT 321/2006. Stallazzjoni ta' ħames (5) *lifts* fi Triq il-Wied, l-Imsida Fażi IIIB - Dipartiment tal-Bini u Tiswija tad-Djar. Id-dokumenti ta' l-offerta jistgħu jinġabru mid-Dipartiment tal-Bini u Tiswija tad-Djar, Triq il-Kappillan Ġwann Azzopardi, Santa Venera, bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar wara li jitħallas dritt ta' Lm10 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 322/2006. Provvista, konsenja, stallazzjoni u kummissjunar ta' żewġ (2) *walk in freezers* għal *cold stores* ġewwa Għawdex - Ministeru għal Għawdex. Irid jitħallas dritt ta' Lm25 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Dan huwa *Supplies Notice* taħt il-*Local Open Tender Procedure*. Din hi offerta mħallsa parzjalment mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Strutturali Programm għal Malta 2004-2006 (*Budget* allokat: Lm45,000 mingħajr VAT).

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, it-28 ta' Settembru, 2006, għal:

CT 315/2006. *Integration of environmental concerns into Malta's agriculture on the basis of the IRENA Operation* - Awtorità ta' Malta dwar l-Iżvilupp u l-Ippjanar (MEPA). Irid jitħallas dritt ta' Lm25 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Dan huwa *Service Notice* taħt l-*International Open Tender Procedure*. Din hi offerta mħallsa parzjalment mill-Programm għall-Iżvilupp Rurali għal Malta 2004-2006 (*Budget* allokat: Euros 211,865 mingħajr VAT).

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fl-4 ta' Awissu, 2006.

CT 335/2006. Kuntratt perjodiku għall-provvista ta' *toilet paper* lit-Taqsima ta' l-Akkwisti tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, it-3 ta' Ottubru, 2006, għal:

CT 311/2006. Sejħa għal espressjonijiet ta' interess għal *offshore wind development* f'Malta – Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi. Irid jitħallas dritt ta' Lm25 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fit-3 ta' Awissu, 2006.

CT 316/2006. Provvista ta' *flow-cytometry markers* - Diviżjoni tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fid-9 ta' Awissu, 2006.

CT 320/2006. Provvista u stallazzjoni ta' apparat għal

glass to the Procurement Section of the Contracts Department.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 26th September, 2006, for:

CT 321/2006. Installation of five (5) lifts at Triq il-Wied, Msida Phase IIIB - Housing Construction and Maintenance Department. Tender documents may be collected from the Housing Construction and Maintenance Department, Triq il-Kappillan Ġwann Azzopardi, Santa Venera, between 8.30 a.m. and noon against a fee of Lm10 for each copy of tender document.

CT 322/2006. Supply, delivery, installation and commissioning of two (2) walk in freezers for the cold stores in Gozo - Ministry for Gozo. A fee of Lm25 will be charged for each copy of tender document.

This is a Supplies Notice under the Local Open Tender Procedure. This tender is partially funded by the European Structural Funds Programme for Malta 2004-2006. (Allocated budget: Lm45,000 excluding VAT).

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 28th September, 2006, for:

CT 315/2006. Integration of environmental concerns into Malta's agriculture on the basis of the IRENA Operation - Malta Environment and Planning Authority (MEPA). A fee of Lm25 will be charged for each copy of tender document.

This is a Service Notice under the International Open Tender Procedure. This tender is partially funded by the Rural Development Programme for Malta 2004-2006. (Allocated budget: Euros 211,865 excluding VAT).

The EU Contract Notice was dispatched on the 4th August, 2006.

CT 335/2006. Period contract for the supply of toilet paper to the Procurement Section of the Contracts Department.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 3rd October, 2006, for:

CT 311/2006. Call for expressions of interest for offshore wind development in Malta – Malta Resources Authority. A fee of Lm25 will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on the 3rd August, 2006.

CT 316/2006. Supply of flow-cytometry markers - Health Division.

The EU Contract Notice was dispatched on the 9th August, 2006.

CT 320/2006. Supply, delivery and installation of

roadside check - Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta. Irid jitħallas dritt ta' Lm10 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Dan huwa *Supplies Notice* taħt il-*Local Open Tender Procedure*. Din hi offerta mħallsa parzjalment mill-Programm għal Malta tat-*Transition Facility* 2005. (*Budget* allokat: Euros 98,500 mingħajr VAT).

CT 325/2006. Provvista ta' *doxorubicin 10mg* u *50mg vials* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 326/2006. Provvista ta' *rituximab 500mg vials* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 327/2006. Provvista ta' *sodium bicarbonate 8.4% infusion x 200ml* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 329/2006. Kiri ta' *digital photocopiers* lid-Diviżjoni Qrati tal-Ġustizzja - Diviżjoni Qrati tal-Ġustizzja. Irid jitħallas dritt ta' Lm15 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 330/2006. Provvista ta' *disposable polythelene aprons* - Diviżjoni tas-Saħħa.

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, il-5 ta' Ottubru, 2006, għal:

CT 333/2006. Provvista u twaħħil ta' aperturi ta' l-aluminju u xogħol ta' metall fl-Iskola Primarja tas-Siġġiewi – Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada.

Irid jitħallas ditt ta' Lm35 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

CT 345/2006. Servizzi ta' tindif fil-Junior Lyceum tal-Bniet Sir Adrian Dingli, Blokk ta' Sandhurst, Pembroke – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni. Irid jitħallas dritt ta' Lm35 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, l-10 ta' Ottubru, 2006, għal:

CT 323/2006. Provvista ta' *complete nutritional preparation x 500ml* - Diviżjoni tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fis-16 ta' Awissu, 2006.

CT 324/2006. Provvista ta' *concentrated bicarbonate kits* - Diviżjoni tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fis-16 ta' Awissu, 2006.

*CT 348/2006. Kuntratt perjodiku għall-provvista ta' blokki tal-konkrit rettangulari *precast hollow* lit-Taqsima ta' l-Akkwisti tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

*CT 349/2006. Kuntratt perjodiku għall-provvista ta'

equipment for roadside checks - Malta Transport Authority. A fee of Lm10 will be charged for each copy of tender document.

This is a Supplies Notice under the Local Open Tender Procedure. This tender is partially funded by the Transition Facility 2005 Programme for Malta. (Allocated Budget: Euros 98,500 excluding VAT).

CT 325/2006. Supply of doxorubicin 10mg and 50mg vials - Health Division.

CT 326/2006. Supply of rituximab 500mg vials - Health Division.

CT 327/2006. Supply of sodium bicarbonate 8.4% infusion x 200ml - Health Division.

CT 329/2006. Hire of digital photocopiers for the Courts of Justice Division - Courts of Justice Division. A fee of Lm15 will be charged for each copy of tender document.

CT 330/2006. Supply of disposable polythelene aprons - Health Division.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 5th October, 2006, for:

CT 333/2006. Supply and installation of aluminium apertures and metal works at the Siġġiewi Primary School – Foundation for Tomorrow's Schools.

A fee of Lm35 will be charged for each copy of tender document.

CT 345/2006. Cleaning services at Sir Adrian Dingli Girls Junior Lyceum, Sandhurst Block, Pembroke – Education Division. A fee of Lm10 will be charged for each copy of tender document.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 10th October, 2006, for:

CT 323/2006. Supply of complete nutritional preparation x 500ml - Health Division.

The EU Contract Notice was dispatched on the 16th August, 2006.

CT 324/2006. Supply of concentrated bicarbonate kits - Health Division.

The EU Contract Notice was dispatched on the 16th August, 2006.

*CT 348/2006. Period contract for the supply of rectangular precast hollow concrete blocks to the Procurement Section of the Contracts Department.

*CT 349/2006. Period contract for the supply of carbon

carbon steel bars għar-rinfurzar tal-konkos lit-Taqsima tal-*Procurement* tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, it-12 ta' Ottubru, 2006, għal:

CT 336/2006. Provvista ta' servizzi ta' konsulenza relatati ma' l-implimentazzjoni ta' servizzi ta' *eGovernment* - Ministeru għall-Investiment, Industrija u t-Teknoloġija ta' l-Informazzjoni. Irid jitħallas dritt ta' Lm20 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

CT 339/2006. Bini u tlestija parzjali ta' tliet (3) appartamenti f'*Plot* 18, Triq il-Fieres, Ħal Tarxien - Awtorità tad-Djar. Id-dokumenti ta' l-offerta jistgħu jinġabru mill-Awtorità tad-Djar, 12, Triq Pietro Floriani, il-Furjana, bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar wara li jitħallas dritt ta' Lm50 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

CT 340/2006. Bini u tlestija parzjali ta' żewġ (2) appartamenti, erba' (4) garaxxijiet u ħanut f'*Plot* 17, Triq Dun Ġwann Mamo, Ħal Tarxien - Awtorità tad-Djar. Id-dokumenti ta' l-offerta jistgħu jinġabru mill-Awtorità tad-Djar, 12, Triq Pietro Floriani, il-Furjana, bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar wara li jitħallas dritt ta' Lm50 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, is-17 ta' Ottubru, 2006, għal:

CT 331/2006. Provvista u stallazzjoni ta' għamara għal-laboratorju fiċ-Ċentru Nazzjonali tat-Trasfużjoni tad-Demm – Diviżjoni tas-Saħħa. Irid jitħallas dritt ta' Lm50 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Dan huwa *Supplies Notice* taħt l-*International Open Tender Procedure*. Din hija offerta mħallsa parzjalment mill-Programm għal Malta tat-*Transition Facility* 2004. (*Budget* allokat: Ewros 144,000 minghajr VAT).

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fil-21 ta' Awissu, 2006.

CT 332/2006. Provvista u stallazzjoni ta' vetrini għall-mużew fiċ-ċentru tal-viżitaturi f'Ħaġar Qim u l-Imnajdra, limiti tal-Qrendi – Patrimonju Kulturali Malta. Irid jitħallas dritt ta' Lm50 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Dan huwa *Supplies Notice* taħt il-*Local Open Tender Procedure*. Din hija offerta mħallsa parzjalment mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Strutturali, Programm għal Malta 2004-2006. (*Budget* allokat: Lm35,800 minghajr VAT).

CT 341/2006. Bini u tlestija parzjali ta' tliet (3) appartamenti fuq *Plot* 11, Triq Dun Ġwann Mamo, Ħal Tarxien - Awtorità tad-Djar. Id-dokumenti ta' l-offerta jistgħu jinġabru mill-Awtorità tad-Djar, 12, Triq Pietro Floriani, Floriana bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar wara li jitħallas dritt ta' Lm50 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

